MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2012

Numru 1018/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**KONTRA**

**LOUIS AQUILINA**
**LUCIANA AQUILINA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Louis Aquilina ta’ 49 sena, bin Joseph u Concetta nee’ Aquilina, mwieled Cospicua fit- 12 ta’ Gunju 1962, residenti Central Court Flat 3, Triq tal- Ibrag, Swieqi u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 390162M;

U

Luciana Aquilina mart Louis Aquilina, bint Albert u Eudora nee' Zirro, mwielda Floriana, residenti Central Court Flat 3, Triq tal- Ibrag, Swieqi u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 481465M;

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli bejn Lulju 2006 u Marzu 2008 f' dawn il- Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, fil- kapacita' taghhom personali kif ukoll bhala Diretturi tas- socjeta' Calypso Manufacturing Ltd, approprja ruhhom, billi dawru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ma halsux lid- Dipartiment tal- VAT is- somma totali ta' €21,780.47;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ammissjoni tal-imputati waqt l-istadju tal-ezami taghhom din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputati, il-Qorti qed issibhom hatja tal-imputazzjonijiet kontra taghhom u ser tghaddi ghas-sentenza. L-imputati naqsu milli jhallsu dak dovut minnhom bhala taxxa fuq il-valur mizjud ai termini tal-ligi, u ghalhekk tressqu fuq l-akkuza ta’ misapproprjazzjoni ta’ flus haddiehor. Dan sehh fis-snin 2006 sa 2008, izda fil-frattemp, huma lahqu hallsu kwazi l-ammont kollu dovut minnhom, bis-sahha ta’ ftehim milhuq mal-istess dipartiment. Illum il-bilanc huwa ta’ ftit anqas minn erbat elef ewro, u qed jigi mhallas f’rati mensili minnhom. Ghalhekk, tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-imputati, u tenut kont tal-fedina penali netta taghhom, kif ukoll tenut kont tal-fatt li l-ammont dovut minnhom thallas hafna minnu qabel ma nqrat l-akkuza kontra taghhom, il-Qorti hi tal-fehma li ghandom jibbenefikaw minn mitigazzjoni fil-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 293 u 294 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil- kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta. Tordna lill-imputati jhallsu s-somma ta’ tlett elef, seba’ mija w tmenin ewro u seba’ w erbghin centezmu (€3,780.47) ai terminu tal-Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------